# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa**
**Disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 167/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dr Norval Desira (ID 430764(M))**
**bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija assenti International Properties and Investments Limited bl-uffiċju reġistrat ġewwa Dubai, UAE u,**

**Permezz ta' digriet datat 27 ta' Jannar 2020, Ioannis Moditis assuma l-atti bħala mandatarju speċjali flok Dr Norval Desira, u**

**Fit-22 ta' Marzu 2022, Yvette Debono assumiet l-atti flok Ioannis Moditis.**

**Vs**

**Marine Offshore Investments Ltd bl-uffiċċju reġistrat ġewwa l-British Virgin Islands**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 20 ta' Frar 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talab is-segwenti:

   *ILLI l-esponent huwa debitament awtorizzat jaġixxi f'din il-proċedura a tenur ta' riżoluzzjoni tal-kumpannija rikorrenti International Properties and Investments Limited tad-29 ta' Jannar 2019 (hawn annessa u mmarkata "DOK: A");*

   *ILLI permezz ta' sentenza tal-Qorti tad-Distrett ta' Limassol ġewwa Ċipru datata l-20 ta' Ġunju 2018 fl-ismijiet International Properties and Investment Limited, from Dubai, United Arab Emirates (Plaintiffs) and*

*Marine Offshore Investments Ltd, from the British Virgin Islands (Defendants) bin-numru 1297/2018 (kopja awtentika flimkien ma' traduzzjoni tagħha annessi u mmarkati "DOK: B"), l-imsemmija Qorti tad-Distrett ikkundannat lill-kumpannija intimata tħallas miljun u tlett mitt elf Ewro (€ 1,300,000.00) bl-imgħax ta' tlieta punt ħamsa fil-mija (3.5%) mit-18 t'Awwissu 2018 sad-data tal-pagament;*

*ILLI peress li l-proċeduri relattivi għall-imsemmija sentenza ħew istitwiti wara l-10 ta' Jannar 2015, il-proċedura għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' l-istess sentenza ġewwa Malta hija regolata bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), u dan a tenur ta' l-Artikolu 66(1) ta' l-istess Regolament;*

*ILLI skond l-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, gja' l-Artikolu 249 tat-Trattat tal-Kummissjoni Ewropea, "[regolament għandu jkollu applikazzjoni ġenerali. Ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha";*

*ILLI abbażi ta' l-Artikolu 36(2) tar-Regolament Nru 1215/2012, m'hemm l-ebda raġuni kif imsemmi fl-Artikolu 45 ta' l-istess Regolament għal rifjut ta' rikonoxximent minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Qorti tad-Distrett ta' Limassol ġewwa Ċipru datata 1-20 ta' Ġunju 2018 bhala titolu eżekuttiv;*

*ILLI għalhekk l-esponent jixtieq jinvoka f'Malta r-rikonoxximent ta' l-istess sentenza bħala titolu eżekuttiv sabiex ikun jista' jgħaddi għall-eżekuzzjoni tagħha kontra s-soċjeta' intimata billi din għandha assi materjali f'Malta u għal dan il-għan qiegħed jannetti vera kopja taċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti tad-Distrett ta' Limassol ġewwa Ċipru skond l-Artikolu 53 tar-Regolament Nru 1215/2012 mmarkat "DOK: C", u dan a tenur ta' Artikolu 37 ta' l-istess Regolament;*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti tad-Distrett ta' Limassol ġewwa Ċipru datata l-20 ta' Ġunju 2018 fl-ismijiet International Properties and Investment Limited, from Dubai, United Arab Emirates (Plaintiffs) and Marine Offshore Investments Ltd, from the British Virgin Islands (Defendants) bin-numru 1297/2018, bħala titolu eżekuttiv f'Malta, a tenur ta' l-Artikolu 36 et seq tar-Regolament Nru 1215/2012, u dan għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u salv kull provvediment li din l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.*

2. Rat illi fid-19 ta' Frar 2019, ossija QABEL il-preżentata tal-proċeduri odjerni, Dr Roberto Montalto kiteb fir-rikors promotur illi "ma noġġezzjonax", u dana għal "Marine Offshore Investments Limited."

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita flimkien mar-rikors promotur, inkluż Ċertifikat maħruġ, a tenur tal-Artikolu 60 tar-Regolament tal-EU 1215/2012, mill-District Court of Limassol, datat 20 ta' Ġunju 2018, b'referenza għas-sentenza datata dakinhar stess.

4. Rat illi fil-21 ta' Novembru 2019, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

5. Rat illi fit-22 ta' Novembru 2019, l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ippreżentat rikors fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tkun tista' tintervjeni bil-għan illi s-sentenza tal-Qorti Ċiprijotta ma tiġix rikonoxxuta.

6. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2019, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat in-notifika lill-partijiet.

7. Rat illi fl-4 ta' Mejju 2021, dehret Yvette Debono illi għarrfet lill-Qorti illi kienet ser tassumi l-atti tas-soċjeta' rikorrenti hija stess, u dana billi kienet direttur ta' l-istess soċjeta' rikorrenti.

8. Rat illi fit-12 ta' Awissu 2021, is-soċjeta' rikorrenti rrispondiet għar-rikors ippreżentat mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

9. Rat illi b'digriet datat 22 ta' Jannar 2022, il-Qorti laqgħet it-talba tal-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta sabiex tintervjeni.

10. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Awtorita' fit-8 ta' Ġunju 2022, illi l-Qorti ordnat li jiġu ssiġilllati minħabba fil-kontenut tagħhom (fol 101 sa 108) in konnessjoni mas-soċjeta' intimata u l-ultimate beneficial owner tagħha.

11. Rat illi fil-31 ta' Ottubru 2022, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi s-soċjeta' intimata Marine Offshore Investments Limited, illi kienet reġistrata ġewwa l-British Virgin Islands, kienet ġiet ikkanċellata minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji ġewwa l-British Virgin Islands.

12. Rat illi fit-28 ta' Frar 2023, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi s-soċjeta' Marine Offshore Investments Limited ġiet riammessa fir-reġistru tal-kumpanniji ġewwa l-British Virgin Islands fl-24 ta' Frar 2023. (fol 112)

13. Semgħet ix-xhieda ta' Yvette Debono, prodotta mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2023 u rat id-dokumenti minnha eżebiti, fosthom Loan Agreement datat 4 ta' Settembru 2017. (fol 123)

14. Rat illi fit-8 ta' Frar 2024, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi Yvette Debono u Gordon Debono ma kinux ser jixhdu minħabba proċeduri kriminali pendenti kontra tagħhom.

15. Rat illi Dr Roberto Montalto, fit-8 ta' Frar 2024, għarraf lill-Qorti illi s-soċjeta' intimata, għalkemm għadha ma kinetx notifikata, ma toġġezzjonax għal dak mitlub.

16. Rat illi fit-8 ta' Frar 2024, Dr Roberto Montalto iddikjara illi Gordon Debono huwa l-ultimate beneficial owner tas-soċjeta' Marine Offshore Investments Limited.

17. Rat illi fit-8 ta' Frar 2024, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet rikorrenti.

18. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2024, l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ippreżentat is-sottomissjonijiet tagħha.

19. Rat illi fil-11 ta’ Ġunju 2024, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

20. Jirriżulta illi, permezz ta’ proċeduri intavolati quddiem dina l-Qorti fl-20 ta’ Frar 2019, is-soċjeta' rikorrenti, inizjalment rappreżentata minn Dr Norval Desira, li sussegwentement irrinunzja għall-mandat u ġiet hekk rappreżentata minn Ioannis Moditis, liema rappreżentazzjoni eventwalment ġiet assunta minn Yvette Debono, mart Gordon Debono, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil dina l-Qorti sabiex tirrikonoxxi, bħala sentenza eżegwibbli f’Malta a tenur tar-Regolament 1215/12 tal-Unjoni Ewropeja, sentenza mogħtija ġewwa l-Qorti Distrettwali ta’ Limassol, ġewwa Ċipru, kontra s-soċjeta' intimata Marine Offshore Investments Limited, li hija kumpannija li Gordon Debono, ir-raġel ta’ Yvette Debono, għarraf lil dina l-Qorti illi huwa l-beneficial owner tagħha.

21. Jirriżulta illi fit-22 ta’ Novembru 2019, l-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta talbet tintervjeni sabiex is-sentenza ma tiġix rikonoxxuta fuq bażi ta’ ordni pubbliku.

22. Jirriżulta illi, permezz ta’ ftehim datat 4 ta’ Settembru 2017 (fol 123), is-soċjeta' rikorrenti, soċjeta' stabbilita ġewwa Dubai, kienet sellfet lis-soċjeta' intimata, soċjeta' stabbilita ġewwa l-British Virgin Islands, somma ta’ €1,300,000, u dana sabiex is-soċjeta' intimata tinvestieh “in the borrowers business activity”.

23. Jirriżulta illi tali ftehim kien soġġett għal-ligijiet ta’ Dubai u kwalsiasi disputa kellha ssir unikament ġewwa l-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta’ Dubai.

24. Jirriżulta illi, fl-20 ta’ Ġunju 2018, is-soċjeta' rikorrenti nediet proċeduri quddiem id-District Court ta’ Limassol, ġewwa Ċipru, kontra s-soċjeta' intimata.

25. Jirriżulta illi fit-22 ta’ Ġunju 2018, bi ftehim bejn is-soċjeta' rikorrenti u s-soċjeta' intimata, id-District Court ta’ Limassol, ġewwa Ċipru ordnat lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta’ €1,300,000 flimkien ma’ imgħax ta’ 3.5% mit-18 ta’ Awissu 2018.

26. Jirriżulta illi fil-25 ta’ Lulju 2018, inħareġ mid-District Court ta’ Limassol ċertifikat a tenur tal-Artikolu 60 tar-Regolament 1215/2012 għall-enforzar u rikonoxximent tas-sentenza.

27. Jirriżulta illi fid-29 ta’ Jannar 2019, is-soċjeta' rikorrenti, tramite Yvette Debono, direttur tagħha, innominat lil Dr Norval Desira sabiex jirrappreżenta lill-istess soċjeta' rikorrenti fi kwalsiasi disputa illi hija kellha mas-soċjeta' intimata.

28. Jirriżulta illi fit-28 ta’ Frar 2019, is-soċjeta' rikorrenti nediet il-proċeduri odjerni sabiex dina l-Qorti tirrikonoxxi d-deċiżjoni mogħtija mid-District Court.

29. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, illi qatt ma ġiet debitament notifikata, tramite tħażżiża fuq ir-rikors promotur, indikat illi ‘ma noġġezzjonax”, liema indikazzjoni saret minn Dr Roberto Montalto, li indika ruħu bħala li qed jidher għal Marine Offshore Investments Limited – vide rikors promotur.

30. Jirriżulta illi l-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, illi intervjeniet fil-kawża, qiegħda topponi l-eżekuzzjoni tas-sentenza f'Malta, fejn saħqet illi tali sentenza kienet tmur kontra l-ordni pubblika ta' Malta, u għalhekk mhux eżegwibbli a tenur tal-Artikolu 45 (1) (a) tar-Regolament.

**Ikkunsidrat**

31. Il-Qorti tirrileva, f'dana l-istadju, illi qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra jekk l-ilmenti mqajjma mill-Awtorita' humiex ġustifikati jew le, ikun opportun jiġi verifikat jekk id-dettam tar-Regolament ġiex rispettat mis-soċjeta' rikorrenti.

32. Jirriżulta illi l-Artikolu 42 tar-Regolament jistabilixxi s-segwenti:

> 1. *Għal finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza fi Stat Membri mogħtija fi Stat Membru ieħor, ir-rikorrenti għandu jipprovdi lill-awtorita' eżekuzzjoni kompetenti:*
>
> *(a) Kopja tas-sentenza li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċita' tagħha; u*
> *(b) Iċ-ċertifikat maħruġ skond l-Artikolu 53 li jiċċertifika li s-sentenza hija eżegwibbli u li jkun fiha silta mis-sentenza kif ukoll, meta jkun xieraq, l-informazzjoni rilevanti dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru tal-proċedimenti* ***u l-kalkolu tal-imgħax*** *(sottolinjar tal-Qorti).*

33. Jirriżulta illi flimkien mar-rikors promotur, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat sentenza ta' paġna bil-lingwa Ċiprijotta illi magħha hemm traduzzjoni fil-lingwa Ingliża illi tgħid is-segwenti: (fol 5)

> 1. *The Defendants pay to the Plaintiffs the amount of €1,300,000 with a 3.5% interest per annum starting on the* ***<u>18/08/2018</u> until full repayment*** *(sottolinjar u enfażi ta' dina l-Qorti)*
> 2. *No order as to costs*

34. Jirriżulta illi flimkien mar-rikors promotur, hemm ukoll iċ-Ċertifikat maħruġ a tenur tal-Artikolu 60 tar-Regolament 1215/2012.

35. Jirriżulta illi, fejn jirrigwarda imgħax, iċ-Ċertifikat, f'punt 5.2.1.5.2 jgħid is-segwenti:

> *"Yes, specified in the Court settlement as follows: 3.5% starting* ***from the <u>18/8/2019</u> on the amount of €1,300,000"*** *(enfażi u sottolinjar ta' dina l-Qorti)*

36. Jirriżulta illi, kif stabbilit fl-Artikolu 42, iċ-ċertifikat maħruġ a tenur tal-Artikolu 60 huwa pre-rekwiżit sabiex tiġi meqjusa t-talba.

37. Jirriżulta, mill-osservazzjonijiet fuq magħmula, illi ċ-ċertifikat ipprovdut mis-soċjeta' rikorrenti huwa wieħed inkorrett, stante illi, filwaqt illi jingħad fis-sentenza illi l-imgħax għandu jibda jiddekorri mit-18 ta' Awissu 2018, fiċ-ċertifikat stabbilit mir-regolament għall-eżekuzzoni tas-sentenza, hemm indikat illi l-imgħax għandu jibda jiddekorri mit-18 ta' Awissu 2019!

38. Jidher ċar illi hemm żball ovvju fiċ-ċertifikat, liema żball seta' jiġi faċilment innotat u korrett mis-soċjeta' rikorrenti tul il-ħames snin illi ħadu l-proċeduri odjerni, u li, madanakollu, qatt ma ġie korrett.

39. Għalhekk, la darba ċ-ċertifikat rikjest mil-Liġi u applikabbli fil-Qrati lokali, ossija dak bil-lingwa Ingliża u mhux dak bil-lingwa Ċiprijotta illi dina l-Qorti ma' tifhimx huwa żbaljat, għalhekk din il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni illi tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti, stante illi ċ-ċertifikati maħruġa huma inkorretti u żbaljati.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**